MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 365/2008

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Okonkwo Emmanuel Onyedi (I.D. 3340A)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ hamest’elef, tmin mija u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€5830.86) rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma’ diversi servizzi telefonici bin-numru 21384079, 21384201 u 21883705 (AC 40075867) skond kif jirrizulta mill-annessi Dok A, u kopja ta’ ftehim anness mal-avviz u markat Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 sa fol 4 u mmarkati Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Marzu 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5830.86 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------